Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Avviz Numru: 57/10AE

**Doreen Baldacchino (ID No. 392580M) f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Kelvin Baldacchino**

**Vs**

**Trevor u Maria Dolores, konjugi Degiorgio (ID 66878M u 440870M)**

L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016

L-attrici appellat minn sentenza tat-3 ta' Mejju 2013 li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u li biha giet michuda talba ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef u tnejn u erbghin ewro (€5,042.27), in kwantu ghal €4,542.27 bilanc minn somma akbar ghal xoghol ta' gibs li kien sar minn zewgha Neville Baldacchino u €500 self brevi manu li l-istess zewgha kien ta lil-konvenuti.

Quddiem l-ewwel qorti, il-konvenuti eccepew:-

1. L-ammont mitlub m'huwiex dovut u ghalhekk m'humiex debitur tal-atturi u lanqas kienu debituri ta' Neville Baldacchino.
2. Huma qatt ma nghataw self minn Neville Baldacchino. Ghalhekk it-talba ghall-hlas ta' €500 hi minghajr bazi.

## <u>Aggravju.</u>

L-appellanti tilmenta li (fol 3):

*"13. Illi b'kull rispett l-Ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet ghal kollox zbaljati biex waslet ghad-decizjoni taghha li biha cahdet it-talbiet tar-rikorrenti."*

Illi da parti taghhom il-konvenuti appellanti jirribattu billi jghidu (fol 14):

*"Illi ghalhekk fl-umli opinjoni tal-esponent, mhux biss l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw l-kaz taghhom, izda ghall-kuntrarju l-esponenti konvenuti rnexxilhom jippruvaw illi dak kollu illi kien dovut lid-defunt Baldacchino kien thallas ghas-saldu."*

L-appellanti tilmenta li l-konsiderazzjonijiet segwenti maghmula mill-Ewwel Qorti huma zbaljati (fol 3):

*"(i) li hemm diskrepanzi fix-xhieda tar-rikorrenti ghaliex dawn jaghtu x'jifhmu illi l-intimat kellu jiehu loan f'Jannar, 2009 biex ihallas lil Neville Baldacchino mentri rrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-BOV plc illi l-intimat kien diga ha loan dak iz-zmien.*

*(ii) li r-rikorrent ma pprezentaw ebda dokument dwar iz-zewg pagamenti li l-intimati kienu diga ghamlu lil Neville Baldacchino.*

*(iii) li fid-diary ta' Neville Baldacchino ma kien hemm xejn dwar il-ftehim milhuq u l-pagamenti li l-intimati kienu ghamlulu."*

Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, fil-kawza fl-ismijiet **Phylis Ebejer vs Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) din il-qorti qalet li: '*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini vs George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess qorti qalet: '*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor'.*

Din il-Qorti pero' f' kaz tapprezza ukoll li id-dover taghha xorta huwa li teżamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.

Il-Qorti tinnota illi l-Ewwel Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet importanti dwar il-fatti tal-kaz in dezamina:-

*"Illi, tenut kont ta' dan il-fatt, il-Qorti ma tistax ukoll ma tirrilevax illi x-xhieda kollha prodotti mir-rikorrenti huma lkoll xhieda li semghu dwar dak li seta gie miftiehem bejn il-mejjet Neville Baldacchino w l-intimati, peress illi hadd minnhom ma kien prezenti meta sar ftehim dwar ix-xogholijiet li kellu jaghmel il-mejjet Neville Baldacchino lill-intimati u kemm kellu jithallas ta' dan."*

Bl-istess mod il-konvenuti appellanti jissottomettu s-segwenti fuq il-provi attrici (fol 12 u 13):-

*"Illi b'kull rispett x-xhieda tal-attrici ma tistax tigi kkunsidrata bhala prova billi fl-ewwel lok hija kollha kemm hi hear say, u fit t-tieni lok ma hemm ebda prova illi l-persuna illi hadet sehem f'din l-allegata telefonata kienet effettivament l-esponent Trevor Degiorgio. Dak li taf l-attrici huwa kollu kemm hu dak illi seta qalla r-ragel…*

*Illi anke f'il-kaz tax-xhieda ta' Paul Baldacchino, b'kull rispett, dan ma jistax jigi meqjus u dana billi anke f'dan il-kaz Paul Baldacchino jixhed fuq dak illi allegatament qalu t-tifel u mhux fuq dak illi jaf di xjenza proprja."*

Dwar il-kopja tal-pagna tad-djarju ta' Neville Baldacchino ezibiti mill-atturi appellanti, l-konvenuti appellanti jissottomettu kif gej (fol 13):-

*"Illi b'kull rispett, apparti l-fatt illi m'hemm ebda prova illi l-persuna illi tissemma fuq dan id-dokument hu effettivament l-esponenti, notament fuq diary ma tistax titqies bhala prova ta' debitu, dan huwa ovjvja ghaliex had ma seta kellu kontroll fuq dak illi kiteb id-defunt Neville Baldacchino fuq id-diary tieghu."*

Id-diffikulta f'din il-kawza kienet li l-persuna li ezegwit ix-xogholijiet li ghalihom qed jintalab il-hlas mill-armla tieghu, Neville Baldacchino, lahaq miet. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kellha tistrieh fuq ix-xhieda tal-armla, missieru Paul Baldacchino u assistent tad-defunt sabiex tevalwa t-tezi attrici – li sfortunament ma kinux jafu l-fatti tal-kaz *di prima mano* - kontra dik tal-konvenuti. In-notament fid-djarju ta' Neville Baldacchino fih innifsu huwa biss *pro memoria* – m'hemm xejn ufficjali fih. Il-konvenut jiddikjara li hallas kollox b'cekkijiet u ma ha l-ebda self minghand Neville Baldacchino. Fil-fatt irriżulta li l-appellati kienu hadu self mill-bank sabiex minnu jhallsu l-*finishings*, kif irrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta' Romuald Attard uffiċjal tal-Bank of Valletta plc.

It-tezi tal-appellanti hi bazata fuq dawn 'il fatti:-

i. Neville Baldacchino kien kiteb f'dijarju li l-appellat kellu jhallsu Lm1,950 ghax-xoghol u €500 ghal self li kien tah.
ii. Neville Baldacchino kien qal lil martu li kien sellef is-somma ta' €500 lill-appellat.
iii. Baldacchino kien icempel lill-appellat u talbu ghall-hlas. L-appellat kien ighidlu li ser jiehu self mill-bank u kien ser ihallsu sa l-ahhar ta' Jannar 2009. L-appellanti rrakkontat li lejn l-ahhar ta' Novembru 2008, zewgha kien cempel lill-appellat fil-prezenza taghha. Paul Baldacchino, missier il-mejjet, ikkonferma li filghaxija ibnu kien jiekol mieghu u li kien icempel lill-appellat biex ihallsu. Kien hemm okkazzjoni meta l-appellat qallu li ser jiehu self mill-bank u jhallsu kollox fl-ahhar ta' Jannar 2009. Inoltre, l-appellat kien qal lill-ibnu li kellu bzonn €500 u ibnu kien selfu dan l-ammont.

M'hemmx indikazzjoni li l-appellanti jafu il-valur ta' xoghol li Neville Baldacchino wettaq lill-appellati. Fil-fatt lanqas ma pprezentaw kopja ta' kont li seta' hareg ghax-xoghol li ghamel ghand l-appellati. Min-naha tal-appellat qal li l-valur tax-xoghol li ghamillu Neville Baldacchino kien ta' €5,823.43. Mill-provi rrizulta kif fil-fatt l-appellati kienu hadu House Loan minghand il-Bank of Valletta plc sabiex jaghmlu xoghol ta' *finishing*, u dan fl-ammont ta' €25,623.11. Irrizulta wkoll kif minn din il-facilita' hargu zewg *bills payable* f'isem Neville Baldacchino:-

1. Lm1,050 datat 20 ta' Gunju 2007 (fol. 42);
2. Lm950 datat 13 ta' Lulju 2007 (fol. 43);

Mir-rendikont li pprezenta Romuald Attard (fol. 38) jirrizulta li fir-rigward ta' dawn il-*bills payable* kien sar id-*draw down*, u l-qorti fehemet ukoll li ssarrfu.

L-appellanti ghamlu wkoll riferenza ghad-deposizzjoni ta' Fathi Zaineddin, li l-qorti fehemet li kienet il-persuna li ghamlet ix-xoghol tal-madum u kisi. Il-qorti tosserva li x-xhud:

i. Ma qalx meta sar ix-xoghol, kemm kien il-valur tax-xoghol li ghamel fil-proprjeta' tal-konvenuti, u kemm thallas. Tagħrif li fil-fehma tal-qorti kien essenżjali biex il-qorti tkun f'posizzjoni ahjar li tiddeċiedi min mill-partijiet qieghed ighid il-verita', u dan peress li jidher li l-pretensjoni tal-atturi, apparti s-somma ta' €500, titratta proprju x-xoghol li ghamel dan ix-xhud;
ii. Qal li ghax-xoghol li ghamel kien ghad *"... fadallu jaghtini xi ftit tal-flus"*. 'Il fatt li Neville Baldacchino ma kienx ħallas kollox lil Zaineddin, ma jfissirx bilfors li l-appellati ma kienux ħallsuh tax-xoghol li sar minn din il-persuna. Għalkemm ix-xhud qal li kemm kien ilu jagħmel xogħol għal Baldacchino, *"... kull meta kien jitħallas minghand min ikun qabbdu, dejjem kien ihallasni mill-ewwel"*. Il-qorti ma tifhimx kif ix-xhud jista' jgħid ħaġa bħal din, b'ċertezza.
iii. Qal li meta tkellem mal-konvenuti, qalulu li lil Neville Baldacchino kienu hallsuh tramite l-bank. Ghalhekk ir-reazzjoni tal-konvenuti kienet l-istess posizzjoni li ħadu fil-kawża.

Fir-rigward tat-tagħrif li hemm fid-dokument a fol. 15, u li l-appellanti qalet li hu estratt mid-dijarju antik li fuqu żewġha kien jikteb in-notamenti, il-qorti tosserva:

i) kien ikun floku li jiġi preżentat l-oriġinal tad-dijarju u mhux faċċata waħda biss;
ii) fin-notament hemm iċ-ċifra ta' €1,950 ingassata, minghajr ma ngħatat ebda spjegazzjoni;
iii) M'hemmx ħjiel ta' meta nkiteb in-notament. Il-qorti fehemet li d-data li stampata fil-paġna tad-djarju fejn sar in-notament, m'għandu x'jaqsam xejn mad-data ta' meta sar in-notament.

Il-qorti hi tal-fehma li a bazi tal-provi li tressqu, l-ewwel qorti setghet tasal ghal konkluzjoni li fil-fatt waslet ghaliha. Il-prova li l-appellati pprezentaw li fil-fatt Baldacchino thallas is-somma ta' Lm2,000 (€4,658.74), hi prova b'sahhitha. Cifra li hi vicin ferm tas-somma ta' Lm1,950 li l-appellanti tippretendi minghand l-appellati. Da parti tal-appellanti, quddiem l-ewwel qorti jidher li m'ghamlu l-ebda reazzjoni ghal tali fatt. Illum fl-appell qeghdin jipprovaw jargumentaw ghalfejn dak il-hlas m'huwiex l-ammont li qeghdin jippretendu f'din il-kawza.

Hu minnu li l-appellat xehed:

***"Jiena nghid li x-xoghol dam madwar hames xhur sejjer u beda ghal xi Lulju tat-2007. Jiena nghid li l-ahhar cekk li hrigt, hrigtu wara li spicca x-xoghol…'***

*L-appellanti argumentat:-*

*"….U allura gjaladarba l-intimat stess qed jghid li huwa hareg l-ahhar cekk wara li spicca x-xoghol u skond ma xehed hu stess ix-xoghol spicca ghall-habta ta' Dicembru, 2007 jew Jannar, 2008 (5 xhur wara Lulju, 2007) kif qatt jista' jkun illi biz-zewg cekkijiet mahruga fl-20 ta' Gunju, 2007 u fit-13 ta' Lulju, 2007 l-intimat kien hallas lil Neville Baldacchino ta' dak kollu li kellu jaghtih meta effettivament Neville Baldacchino lestielu x-xoghol 5 xhur **wara** d-data ta' dawn ic-cekkijiet."*

Hu veru li d-data dwar meta beda x-xoghol, ma taqbilx mad-dati meta fil-fatt hargu l-*bills payable* f'isem Neville Baldacchino. Pero' wiehed irid jiftakar li l-appellat xehed fl-14 ta' Jannar 2013, cjoe' iktar minn hames snin wara li saru l-hlasijiet. Ghall-qorti m'huwiex verosimili li x-xoghol beda f'Lulju 2007 u f'Gunju 2007 sar pagament ta' Lm1,000. Hu altru milli evidenti li x-xoghol kien beda qabel u li l-appellat zbalja meta qal li x-xoghol beda f'Lulju 2007. Il-qorti ma taqbilx mal-appellanti li dan l-estratt hu determinanti ghall-ezitu tal-kawza. Mill-pagamenti li saru tramite l-Bank of Valletta plc jidher bic-car li x-xogholijiet saru matul is-sena 2007. Il-qorti tirraġuna li kif l-appellati hallsu lil Nicholas Baldacchino, ma kienx hemm raġuni ghalfejn ma jhallsuhx jekk għamlilhom xogħol iehor, meta tqies li kellhom faċilita bankarja ghas-somma ta' €25,623.11.

Fir-rigward tal-allegat self, l-appellat cahad li qatt sellef flus minghand Baldacchino u qal li:-

- meta nkariga lil Neville Baldacchino ma kienx jafu minn qabel;
- ma kellux bzonn jissellef flus minghand Baldacchino ghaliex kien ha s-self tal-bank.

L-appellanti ma pprezentawx skrittura tal-allegat self.

Min jallega jrid jipprova jew –"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'* kif jghid car u tond l-artiklu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker vs J Camilleri**, Prim Awla 31 ta' Mejju 1972 u Peter Paul **Aquilina vs Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995). Kull ma ġara f'din il-kawza kien li l-prova imressqa mill-atturi giet ribattuta mill-prova imressqa mill-konvenut u l-Qorti kienet konvinta minn din tal-aħħar. Il-qorti m'ghandhiex iċ-ċertezza morali li l-verżjoni tal-appellanti hi l-verita'. Għaldaqstant ma jidhirx li hemm iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu lil din il-qorti li tiskarta ghal kollox l-apprezzament tal-provi u l-konklużjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti.

**Ghal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul